Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Settembru 2016**
**(OR. en)**

**12254/16**
**ADD 4**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0280 (COD)**

**PI 96**
**CODEC 1271**
**RECH 270**
**EDUC 285**
**COMPET 488**
**AUDIO 97**
**CULT 79**
**DIGIT 102**
**TELECOM 168**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 14 ta' Settembru 2016 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2016) 302 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-dritt tal-awtur Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2016) 302 final.

---

Mehmuż: SWD(2016) 302 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2016
SWD(2016) 302 final

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

**fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-dritt tal-awtur**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal**

**Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar id-dritt tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali**

**u**

**Proposta għal**

**Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
li jistabbilixxi regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-awtur u ta' drittijiet relatati li japplikaw għal ċerti trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir u għal trażmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju**

{COM(2016) 594 final}
{SWD(2016) 301 final}

## Sommarju Eżekuttiv

## Valutazzjoni tal-impatt fuq il-modernizzazzjoni tar-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur

## A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

### X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?

Din il-valutazzjoni tal-impatt tistħarreġ għadd ta' kwistjonijiet marbuta mal-funzjonament tar-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali. Din tikkunsidra li taġġusta r-regoli eżistenti jew li ddaħħal regoli ġodda fi tliet oqsma distinti: (i) l-aċċess għall-kontenut online; (ii) il-funzjonament ta' eċċezzjonijiet ewlenin fl-ambjent diġitali u transfruntier; u (iii) il-funzjonament tas-suq tad-drittijiet tal-awtur.

Fl-ewwel qasam, il-problemi li tindirizza l-valutazzjoni tal-impatt huma relatati direttament mad-diffikultajiet bl-awtorizzazzjoni tad-drittijiet online, mix-xandara, is-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid, il-pjattaformi tal-Video-on-Demand (il-VoD) jew l-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali (il-CHIs). Ix-xandara jsibu bosta diffikultajiet b'mod partikolari bl-awtorizzazzjoni tad-drittijiet biex il-programmi tat-televiżjoni u tar-radju jagħmluhom disponibbli online bejn il-fruntieri; bl-istess mod, is-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid għajr l-operaturi tal-kejbil jaf isibu li l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet tkun kumplessa meta jiġu biex joffru stazzjonijiet minn Stati Membri oħra. Meta kienet qed tiġi vvalutata l-firxa ta' dawn il-problemi u s-soluzzjonijiet possibbli, tqiesu s-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni tal-funzjonament tad-Direttiva dwar is-Servizzi bil-Kejbil u bis-Satellita (id-Direttiva 93/83/KEE). Barra minn hekk, id-diffikultajiet biex jinkisbu d-drittijiet online jkomplu jillimitaw id-disponibbiltà tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-pjattaformi tal-VoD. Fl-aħħar nett, l-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali jiltaqgħu ma' diffikultajiet kbar meta jiġu biex jagħtu l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għad-diġitalizzazzjoni ta' xogħlijiet li m'għadhomx fis-suq (OOC) u biex ixerrduhom fil-pubbliku.

Fit-tieni qasam, waħda mill-kwistjonijiet importanti għall-funzjonament tas-Suq Uniku Diġitali li ġiet identifikata hija l-inċertezza legali fejn jidħlu l-atti permessi bl-eċċezzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur eżistenti, b'mod partikolari l-ambjent diġitali. L-għalliema u l-istudenti jintlaqtu bl-inċertezza legali meta jiġu biex jużaw il-kontenut għal attivitajiet tat-tagħlim transfruntiera u bl-għajnuna diġitali. Ir-riċerkaturi jiltaqgħu mal-inċertezza legali fejn tidħol il-possibbiltà li ssir estrazzjoni tat-test u tad-dejta (TDM) minn kontenut li għandhom aċċess legali għalih. Anki l-preżervazzjoni tax-xogħlijiet mill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali, b'mod partikolari b'forma diġitali, tista' tixxekkel minħabba l-inċertezza legali u spejjeż sproporzjonati tat-tranżazzjoni.

Fit-tielet qasam, il-valutazzjoni tal-impatt tiffoka fuq kwistjonijiet relatati mad-distribuzzjoni tal-valur fl-ambjent online, b'distinzjoni bejn il-problemi upstream li jsibu d-detenturi tad-drittijiet meta jippruvaw jilliċenzjaw il-kontenut tagħhom għal ċerti tipi ta' servizzi online u l-problemi downstream li jsibu l-artisti meta jiġu biex jinnegozjaw il-kuntratti għall-isfruttament tax-xogħlijiet tagħhom. Id-detenturi tad-drittijiet isibu diffikultajiet meta jippruvaw jikkontrollaw u jimmonetizzaw l-użu tal-kontenut tagħhom mis-servizzi online li jaħżnu u jagħtu aċċess għall-kontenut li jtellgħu l-utenti finali. Sar diffiċli wkoll għall-pubblikaturi tal-aħbarijiet biex jilliċenzjaw il-pubblikazzjonijiet tagħhom u biex ma jħallux lis-servizzi online jużawhom mingħajr l-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, kull pubblikatur qed ikollu inċertezza legali fejn tidħol il-possibbiltà li jikseb sehem mill-kumpens għall-użu tax-xogħlijiet minħabba l-eċċezzjoni. Fl-aħħar nett, l-awturi u l-artisti mhux dejjem ikollhom biżżejjed informazzjoni dwar l-isfruttament tax-xogħlijiet tagħhom biex ikunu jistgħu jinnegozjaw ħlas xieraq talli jiskambjaw l-isfruttament tad-drittijiet tagħhom.

### X'inhuma l-għanijiet?

Ġew identifikati tliet għanijiet ġenerali, jiġifieri li:
(i) ikun jista' jsir aċċess online usa' għall-kontenut protett madwar l-UE, b'mod partikolari għall-programmi tat-televiżjoni u tar-radju, ix-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej u l-wirt kulturali;
(ii) jeħfief l-użu diġitali tal-kontenut protett għall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-preżervazzjoni fis-suq uniku; u
(iii) ikun żgurat li s-suq online tad-drittijiet tal-awtur jaħdem b'mod effiċjenti għall-parteċipanti kollha u li dan jagħti l-inċentivi meħtieġa għall-investiment fil-kontenut kreattiv u għat-tixrid tiegħu.

**X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?**

Din il-valutazzjoni tal-impatt tiffoka fuq il-funzjonament tar-regoli tal-UE dwar id-drittijiet tal-awtur għall-ambjent diġitali u online biex tindirizza problemi li għandhom dimensjoni transfruntiera importanti.

Fejn jidħol l-ewwel qasam, xi soluzzjonijiet nazzjonali għall-problemi msemmija hawn fuq relatati mal-aċċess online għall-kontenut, inkluż dak transfruntier, jaf ikomplu jżidu l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku Diġitali. Għalhekk fil-livell tal-UE għandhom jissawru approċċ u azzjoni komuni ħalli jinkisbu benefiċċji ċari.

Fejn jidħol it-tieni qasam, il-livell eżistenti ta' armonizzazzjoni jillimita l-possibbiltà għall-Istati Membri biex jaġixxu fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur għax dawn ma jistgħux jemendaw unilateralment l-ambitu tad-drittijiet armonizzati u l-eċċezzjonijiet. Barra minn hekk, l-intervent tal-UE hu indispensabbli biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Fejn jidħol it-tielet qasam, ir-raġuni fundamentali għal azzjoni tal-UE toħroġ mill-armonizzazzjoni diġà fis-seħħ (b'mod partikolari mil-lat ta' drittijiet) u anki min-natura transfruntiera tad-distribuzzjoni tal-kontenut online. L-intervent fil-livell nazzjonali ma jkunx effiċjenti biżżejjed biex jindirizza l-problemi identifikati (b'mod partikolari għax dan ma jkollux l-iskala) u jista' joħloq ostakli ġodda u frammentazzjoni tas-suq. Azzjoni fil-livell tal-UE hemm bżonnha biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali għall-artisti u għal min jinvesti f'dak il-kontenut, għad-distributuri u għall-utenti. B'din l-azzjoni, id-detenturi tad-drittijiet ikunu jistgħu jeżerċitaw aħjar id-drittijiet tagħhom fl-ambjent online, filwaqt li din tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku Diġitali.

## B. Soluzzjonijiet

**X'inhuma l-alternattivi varji biex jintlaħqu l-għanijiet? Hemm xi alternattiva preferuta? Jekk le, għaliex?**

L-alternattivi mistħarrġa għal kull tema jinkludu x-xenarju bażi li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ikun alternattiva mhux leġiżlattiva (bl-għamla ta' gwida jew rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u/jew djalogu tal-partijiet konċernati) u waħda jew bosta alternattivi leġiżlattivi. Għal kull tema ġiet identifikata alternattiva preferuta.

Fil-qasam tal-*aċċess għall-kontenut online*, fl-alternattivi leġiżlattivi ġew eżaminati reġimi differenti għal-liċenzjar, meqjusa bħala mekkaniżmi ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni tad-drittijiet.

- L-alternattiva preferuta b'rabta mat-trażmissjonijiet online tal-organizzazzjonijiet tax-xandir hija l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini għall-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għas-servizzi online tagħhom li huma anċillari għall-ewwel xandir.
- Fejn jidħlu t-trażmissjonijiet mill-ġdid diġitali tal-programmi tat-televiżjoni/radju, l-alternattiva preferuta hija l-applikazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju tad-drittijiet tal-awtur għal servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid provduti b'netwerks tal-komunikazzjoni elettronika "magħluqin".
- Għal-liċenzjar tad-drittijiet tal-VoD, l-alternattiva preferuta tinkludi djalogu mal-partijiet konċernati Ewropej u mekkaniżmu tan-negozjati li jiffaċilita l-konklużjoni ta' liċenzji għall-isfruttament online tax-xogħlijiet awdjoviżivi billi jneħħi l-ostakli kuntrattwali.
- Fl-aħħar nett, għax-xogħlijiet li m'għadhomx fis-suq (OOC), l-alternattiva preferuta hija intervent leġiżlattiv fil-livell tal-UE li permezz tiegħu l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw mekkaniżmi legali speċifiċi għall-konklużjoni ta' ftehimiet tal-liċenzjar kollettiv għall-użu tax-xogħlijiet li m'għadhomx fis-suq min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali u dwar l-introduzzjoni ta' effett transfruntier għal ftehimiet bħal dawn.

Dwar l-*eċċezzjonijiet*, l-alternattivi leġiżlattivi huma mfassla b'mod li jikkumplimentaw l-eċċezzjonijiet eżistenti (fil-każ ta' preżervazzjoni u tagħlim) jew idaħħlu eċċezzjoni ġdida għal użi speċifiċi (eż. l-estrazzjoni tat-test u tad-dejta). Bosta alternattivi huma previsti, b'varjazzjonijiet fuq l-ambitu tal-eċċezzjoni, il-benefiċjarji u/jew ir-rabta mas-suq tal-liċenzjar.

- L-alternattiva preferuta għall-attivitajiet tat-tagħlim hija eċċezzjoni obbligatorja li tkopri l-użi diġitali u li ssir fil-kuntest tal-illustrazzjonijiet għat-tagħlim filwaqt li l-Istati Membri jkollhom iċ-ċans jagħżlu li din l-eċċezzjoni jagħmluha soġġetta għad-disponibbiltà ta' liċenzji xierqa li jkopru l-istess użi (diġitali u transfruntieri).
- Għall-estrazzjoni tat-test u tad-dejta (it-TDM), l-alternattiva preferuta hija eċċezzjoni obbligatorja applikabbli għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka li jaġixxu fl-interess pubbliku, bħall-universitajiet jew l-istituzzjonijiet tar-riċerka. Bl-eċċezzjoni jkunu jistgħu jagħmlu estrazzjoni tat-test u tad-dejta (TDM) mill-kontenut li għandhom aċċess legali għalih u għal skopijiet ta' riċerka xjentifika.

- Għall-preżervazzjoni tal-wirt kulturali, l-alternattiva preferuta hija eċċezzjoni obbligatorja għal skopijiet ta' preżervazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali (il-CHIs).

Fejn jidħol il-*funzjonament tas-suq tad-drittijiet tal-awtur*, l-alternattivi leġiżlattivi kkunsidrati għandhom l-għan li jiżguraw qsim ġust tal-valur fl-ambjent online, notevolment bl-introduzzjoni ta' obbligi speċifiċi fuq ċerti tipi ta' servizzi online jew fuq min jagħmel kuntratti mal-awturi u mal-artisti.

- Fejn jidħol l-użu tal-kontenut mis-servizzi tal-kontenut li jtellgħu l-utenti, is-soluzzjoni preferuta hija li s-servizzi online li jaħżnu u jagħtu aċċess għal ammont kbir ta' kontenut mtella' mill-utenti tagħhom jiġu obbligati jistabbilixxu teknoloġiji adatti u proporzjonati, u jżidu t-trasparenza b'rabta mad-detenturi tad-drittijiet.
- Fejn jidħlu d-drittijiet fil-pubblikazzjonijiet, is-soluzzjoni preferuta hija li fil-liġi tal-UE jiddaħħal dritt relatat għall-pubblikaturi li jkopri l-użi diġitali tal-pubblikazzjonijiet tal-aħbarijiet tagħhom u li tiżdied dispożizzjoni li biha l-Istati Membri jkunu jistgħu jippermettu li l-pubblikaturi kollha (tal-aħbarijiet, tal-kotba, xjentifiċi, eċċ) jirċievu sehem mill-kumpens għall-użi minħabba l-eċċezzjoni.
- Fejn jidħol in-nuqqas ta' trasparenza dwar il-ħlas lill-artisti, l-alternattiva preferuta hija li fil-leġiżlazzjoni tal-UE jiddaħħlu obbligi tat-trasparenza fuq il-kontropartijiet kuntrattwali tal-artisti (l-aktar il-produtturi u l-pubblikaturi), bl-appoġġ ta' mekkaniżmu għal aġġustament fil-kuntratti u għal riżoluzzjoni tat-tilwim.

**X'jidhrilhom il-partijiet konċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?**

L-alternattivi kkunsidrati f'din il-valutazzjoni tal-impatt jaffettwaw firxa wiesgħa ta' partijiet konċernati, b'mod partikolari: lill-awturi u lill-artisti, lill-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv, lill-produtturi, lill-pubblikaturi, lix-xandara, lill-fornituri tas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid, lid-distributuri, lis-servizzi online, lill-utenti istituzzjonali, lir-riċerkaturi, u lill-konsumaturi. Il-fehmiet tal-partijiet konċernati huma speċifiċi għal kull tema u għalhekk fil-valutazzjoni tal-impatt qed jiġu ppreżentati b'rabta ma' kull alternattiva. Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi li saru bejn l-2013 u l-2016 u li jappoġġaw l-analiżi f'din il-valutazzjoni tal-impatt jinsabu fl-Anness 2.

## C. Impatti tal-alternattiva preferuta

**X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva preferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?**

L-alternattivi preferuti identifikati b'rabta mat-trażmissjonijiet online u t-trasmissjonijiet mill-ġdid tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju jnaqqsu l-ispejjeż tat-transazzjoni marbuta mal-awtorizzazzjoni tad-drittijiet li jġarrbu x-xandara għat-trażmissjonijiet online transfruntiera tagħhom u marbuta mas-servizzi tat-trażmissjoni mill-ġdid provduti b'netwerks tal-komunikazzjoni elettronika "magħluqin" (bħall-IPTV). Minbarra dan, dawn huma mistennija jtejbu d-distribuzzjoni transfruntiera tal-programmi tat-televiżjoni u tar-radju u l-aċċess għalihom.
Dwar il-liċenzjar tad-drittijiet tal-VoD, l-alternattiva preferuta għandha tgħin biex jitneħħew l-ostakli kuntrattwali u għalhekk tkun tista' titjieb id-disponibbiltà tax-xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fuq il-pjattaformi tal-VoD.
Għax-xogħlijiet li m'għadhomx fis-suq (l-OCC), l-alternattiva preferuta tiffavorixxi t-tnaqqis fl-ispejjeż tat-transazzjoni u tippermetti l-liċenzji speċifiċi meħtieġa għad-diġitalizzazzjoni u għat-tixrid tax-xogħlijiet li m'għadhomx fis-suq mill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali, għal kull tip ta' xogħol u f'kull Stat Membru, inkluż bejn il-fruntieri.

L-eċċezzjoni l-ġdida għall-użi diġitali tal-kontenut protett fil-kuntest ta' illustrazzjonijiet għat-tagħlim tagħti ċertezza legali sħiħa lill-istabbilimenti edukattivi u lill-għalliema, u din mistennija żżid l-użu u l-kwalità tat-teknoloġiji diġitali u tal-metodi innovattivi fl-edukazzjoni u b'hekk jinħoloq ambjent tat-tagħlim għani u jitjiebu l-eżiti għall-istudenti. Il-possibbiltà li l-Istati Membri jagħmlu eċċezzjoni soġġetta għad-disponibbiltà tal-liċenzji li jkopru l-istess użi, tagħti l-flessibbiltà meħtieġa mingħajr ma tnaqqas iċ-ċertezza legali għall-utenti jew ixxekkel l-użi transfruntieri.
L-eċċezzjoni l-ġdida tal-estrazzjoni tat-test u tad-dejta (it-TDM) iżżid iċ-ċertezza legali u tnaqqas l-ispejjeż għall-awtorizzazzjoni tad-drittijiet lill-organizzazzjonijiet tar-riċerka, anki meta l-proġetti tar-riċerka jsiru b'eżitu possibbilment kummerċjali, bħal pereżempju fil-kuntest tas-sħubijiet pubbliċi privati.
L-alternattiva preferuta għall-preżervazzjoni tipprovdi ċertezza legali sħiħa lill-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali li jwettqu riproduzzjonijiet tal-preżervazzjoni tax-xogħlijiet fil-kollezzjonijiet permanenti tagħhom, fosthom b'teknoloġiji diġitali.

Fit-tielet qasam li tkopri din il-valutazzjoni tal-impatt, l-alternattivi preferuti huma mistennija jippermettu lid-detenturi tad-drittijiet biex jisfruttaw u jikkontrollaw aħjar id-distribuzzjoni tal-kontenut online tagħhom. Bl-obbligu

fuq is-servizzi tal-kontenut li jtellgħu l-utenti biex idaħħlu xi mezzi tekniċi, id-detenturi tad-drittijiet se jkunu jistgħu jiddeċiedu aħjar fuq id-disponibbiltà tal-kontenut tagħhom fuq dawn is-servizzi. Aktarx, dan iħeġġeġ li jiġu konklużi ftehimiet għall-użu tal-kontenut u jiġġenera aktar dħul għad-detenturi tad-drittijiet.
Fejn jidħlu l-pubblikaturi tal-aħbarijiet, l-alternattiva preferuta żżidilhom iċ-ċertezza legali, isaħħilhom il-pożizzjoni tan-negozjar u tħalli impatt pożittiv fuq il-kapaċità tagħhom li jilliċenzjaw il-kontenut u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fuq il-pubblikazzjonijiet tal-aħbarijiet tagħhom. L-alternattiva preferuta żżid ukoll iċ-ċertezza legali għall-pubblikaturi kollha għax dawn ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-kumpens għall-użi minħabba l-eċċezzjoni.
L-obbligi tat-trasparenza imposti fuq il-kontropartijiet kuntrattwali tagħhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex l-artisti jkunu jistgħu jivvalutaw jekk il-ħlas lilhom hux xieraq u jagħtuhom il-mezzi legali biex meta jkun hemm bżonn jitolbu aġġustament fil-ħlas (il-mekkaniżmu għal aġġustament fil-kuntratti).

**X'inhuma l-ispejjeż tal-alternattivi preferuti (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?**

L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini għall-awtorizzazzjoni tad-drittijiet għal servizzi anċillari online tax-xandara hi sitwazzjoni ġdida għad-detenturi tad-drittijiet meta jilliċenzjaw il-kontenut tagħhom lix-xandara għal trażmissjonijiet online. Iżda din hi intervent immirat (u limitat għas-servizzi anċillari online tax-xandara u mhux se jolqot il-libertà kuntrattwali tax-xandara u tad-detenturi tad-drittijiet) li mistenni jiffaċilita l-iżvilupp tas-suq mingħajr ma jxekkel il-mudelli kummerċjali u l-istrateġiji tad-distribuzzjoni eżistenti.
L-applikazzjoni tal-immaniġġjar kollettiv obbligatorju għal ċerti tipi ta' servizzi diġitali tat-trażmissjoni mill-ġdid taffettwa l-għażliet tal-liċenzjar tad-detenturi tad-drittijiet b'mod limitat. L-ispejjeż tal-konformità jkunu marġinali għax għal-liċenzjar tad-drittijiet tat-trażmissjonijiet mill-ġdid b'mezzi oħra għajr il-kejbil jista' jintuża l-istess netwerk ta' organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv (CMOs) li jintuża għal-liċenzjar tad-drittijiet tat-trażmissjonijiet mill-ġdid bil-kejbil.
Fejn jidħol il-mekkaniżmu tan-negozjar maħsub biex jeħfief il-liċenzjar tad-drittijiet tal-VoD, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni jkunu limitati għax l-Istati Membri jistgħu jistrieħu fuq strutturi eżistenti bl-għarfien espert meħtieġ. Il-partijiet konċernati (id-detenturi tad-drittijiet, id-distributuri, il-pjattaformi tal-VoD) jaf iġarrbu xi spejjeż biex jieħdu sehem fil-mekkaniżmu tan-negozjar. Iżda dawn l-ispejjeż se jikkumpensawhom iż-żidiet fl-effiċjenza li jirriżultaw minn negozjati ta' suċċess.
L-alternattiva preferuta għal xogħlijiet li m'għadhomx fis-suq (OCC) ma timplika l-ebda spiża diretta bħala tali. Jekk jintużaw il-mekkaniżmi legali, l-organizzazzjonijiet tal-immaniġġjar kollettiv jaf iġarrbu xi spejjeż relatati mar-rekwiżiti tat-trasparenza, it-trattament tan-nonparteċipazzjoni u l-amministrazzjoni tal-liċenzja.

Fil-qasam tal-eċċezzjonijiet, l-alternattiva preferuta mhix mistennija taffettwa d-dħul mil-liċenzjar tad-detenturi tad-drittijiet b'xi mod sinifikanti. Minħabba l-ħtieġa li jiġi adattat l-ambitu tal-liċenzji eżistenti biex jitqiesu l-eċċezzjonijiet il-ġodda jaf ikun hemm xi spejjeż tal-konformità limitati ħafna.
Għat-tagħlim, l-eċċezzjoni l-ġdida mhix mistennija tħalli impatt fuq is-suq primarju tad-detenturi tad-drittijiet, l-aktar minħabba l-għan u l-kundizzjonijiet marbuta ma' dik l-eċċezzjoni (l-illustrazzjonijiet għat-tagħlim, l-użi diġitali f'netwerks elettroniċi siguri). Din jaf toħloq xi spejjeż tal-konformità għall-Istati Membri li jiddeċiedu li japplikaw din l-eċċezzjoni soġġetta għad-disponibbiltà tal-liċenzji li jkopru l-istess użi, minħabba r-rekwiżit li tkun żgurata d-disponibbiltà u l-viżibbiltà ta' dawn il-liċenzji. Madankollu dawn l-ispejjeż se jgħinu biex jonqos ġmielu l-piż amministrattiv tal-istabbilimenti edukattivi.
Fil-każ tal-estrazzjoni tat-test u tad-dejta (it-TDM), il-kundizzjoni ta' aċċess legali prevista għall-użu tal-eċċezzjoni tiżgura li l-aħjar alternattiva ma taffettwax lis-suq tal-abbonamenti tad-detenturi tad-drittijiet.
L-alternattiva preferuta għall-preżervazzjoni tal-wirt kulturali mhix se toħloq spejjeż tal-konformità partikolari; l-impatt fuq id-dħul tad-detenturi tad-drittijiet ikun minimu u saħansitra negliġibbli għax din l-eċċezzjoni tapplika biss għal xogħlijiet li l-istituzzjonijiet tal-wirt kulturali diġà għandhom fil-kollezzjonijiet permanenti tagħhom u ma jkollha l-ebda effett fuq l-akkwist ta' xi kopji permanenti f'kollezzjoni.

Is-servizzi online li jxerrdu kontenut mtella' mill-utenti finali jġarrbu spejjeż tal-konformità minħabba t-teknoloġiji li jridu jidħlu fis-seħħ. Dawn l-ispejjeż jiddependu fuq il-kwantità u t-tip ta' kontenut li jrid jiġi identifikat. Dawn mistennija jkunu limitati għax it-teknoloġiji li jridu jibdew jintużaw jeħtieġ ikunu proporzjonati, u għax il-maġġoranza tas-servizzi koperti diġà jużaw xi tip ta' teknoloġija li tidentifika l-kontenut.
L-introduzzjoni ta' dritt relatati li jkopri l-użi diġitali tal-pubblikazzjonijiet tal-aħbarijiet mhix mistennija tgħolli t-tariffi tal-liċenzja għall-fornituri tas-servizzi online li diġà jikkonkludu liċenzji li jkopru speċifikament l-użu tal-kontenut diġitali tal-aħbarijiet. Din toħloq biss spejjeż għal dawk il-fornituri tas-servizzi online li mhumiex jikkonkludu liċenzji għall-użu mill-ġdid tal-kontenut tal-pubblikaturi, meta skont il-liġi dwar id-dritt tal-awtur, bħala prinċipju, suppost li diġà jagħmlu dan. Il-possibbiltà li l-Istati Membri jippermettu li l-pubblikaturi kollha jirċievu sehem fil-kumpens għall-użi minħabba l-eċċezzjoni mhix mistennija toħloq spejjeż għax il-maġġoranza tal-Istati Membri diġà għandhom soċjetajiet kolletturi li jieħdu ħsieb jiġbru l-kumpens għall-pubblikaturi. Fejn jidħol il-ħlas

| |
|---|
| lill-artisti, l-obbligi tat-trasparenza jiġġeneraw spejjeż tal-konformità lill-kontropartijiet kuntrattwali tal-artisti, iżda dawn huma mistennija jkunu raġonevoli. Minħabba d-disponibbiltà limitata ħafna tad-dejta, ma setgħetx issir kwantifikazzjoni ġenerali ta' dawn l-ispejjeż; madanakollu l-valutazzjoni tal-impatt turi stimi bbażati fuq il-ftit eżempji li rrappurtaw il-partijiet konċernati. Il-mekkaniżmu għal aġġustament fil-kuntratti hu mistenni joħloq spejjeż limitati (bħall-ispejjeż għal negozjar mill-ġdid), għax aktarx dan jintuża l-aktar bħala ingranaġġ fin-negozjati. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-istrutturi eżistenti biex inaqqsu l-ispejjeż possibbli li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif tal-mekkaniżmu għal riżoluzzjoni tat-tilwim. |
| **X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?** |
| Fil-valutazzjoni tal-alternattivi ta' politika tqies is-sehem kbir li għandhom l-intrapriżi żgħar u medji fl-industriji kreattivi. L-SMEs (ix-xandara tat-televiżjoni/radju, il-fornituri tas-servizzi jew id-detenturi tad-drittijiet) huma mistennija jibbenefikaw mill-alternattivi preferuti fil-qasam tal-aċċess għall-kontenut għax jonqos il-piż amministrattiv marbut mal-awtorizzazzjoni jew il-liċenzjar tad-drittijiet. Fil-każ tal-eċċezzjonijiet, l-alternattivi preferuti huma soluzzjonijiet li mhumiex mistennija jħallu impatt sinifikanti fuq is-suq tal-liċenzjar jew fuq id-dħul tal-SMEs (id-detenturi tad-drittijiet). L-esklużjoni tal-mikrointrapriżi ma kinitx meqjusa xierqa għax din toħloq inċertezzi legali kbar lill-utenti.<br>Fit-tielet qasam ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, l-alternattivi preferuti jwieżnu lill-SMEs (lid-detenturi tad-drittijiet) biex jikkonkludu ftehimiet mas-servizzi tal-kontenut online. Meta dawn joħolqu xi obbligi għall-SMEs, l-eżenzjonijiet jew il-miżuri ta' mitigazzjoni ma tqisux xierqa għax dawn jaf joħolqu possibbiltajiet għan-negozji biex jevitaw l-obbligi u ma jkunux jistgħu jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?** |
| L-alternattivi preferuti mhumiex se jħallu impatti sinifikanti fuq il-baġits jew l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Madanakollu ċerti alternattivi jinkludu xi obbligi speċifiċi għall-Istati Membri, pereżempju l-identifikazzjoni jew il-ħolqien ta' istanza imparzjali li tiffaċilita n-negozjati bejn il-partijiet rilevanti għal-liċenzjar tad-drittijiet tal-VoD; miżuri li jiżguraw il-viżibbiltà tal-liċenzji għall-użi edukattivi; l-organizzazzjoni ta' djalogi mal-partijiet konċernati fuq ir-rappurtar lill-awturi u lill-artisti u t-twaqqif ta' mekkaniżmu għal riżoluzzjoni tat-tilwim bejn l-awturi/artisti u l-kontropartijiet kuntrattwali tagħhom. Meta possibbli, l-indikazzjonijiet tal-ispejjeż jissemmew fit-taqsimiet rilevanti tal-valutazzjoni tal-impatt. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| Ma japplikax |
| **Il-proporzjonalità?** |
| L-alternattivi preferuti ġew elaborati b'tali mod li jindirizzaw b'mod effettiv il-problemi oriġinali mingħajr ma jmorru lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet. Ġew esklużi xi alternattivi oħrajn, kultant b'ambitu usa', li ma jkunux jippermettu rispons bilanċjat u proporzjonat għall-problemi ppreżentati f'din il-valutazzjoni tal-impatt. |
| **D. Segwitu** |
| **Il-politika meta se tiġi eżaminata mill-ġdid?** |
| Ġew definiti xi indikaturi speċifiċi ħalli jissorveljaw il-progress biex jintlaħqu l-għanijiet, filwaqt li l-ġbir tad-dejta hu maħsub li jsir kull sentejn (2) jew tliet (3) snin. Sa mhux aktar tard minn għaxar (10) snin mill-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi ssir evalwazzjoni komprensiva li tkejjel l-impatt u l-valur miżjud tagħhom. |